MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 221/2006

**Untours Insurance Agents Limited (C 5655)**

**Vs**

**Silvio Magro (ID no. 127167M)**
**u Joanne Magro (ID no. 190871M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi s-socjeta' Untours Insurance Agents Limited pprezentat proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-konfront tar-rikorrenti fuq pretensjoni fl-ammont ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) u sabiex tikkawtela l-kreditu taghha pprezentat mandat ta' qbid fl-ismijiet fuq citati.

Illi l-mandat ta' qbid gie ezegwit u permezz tieghu gew maqbuda mutur tal-marka Peugeot SV 125 bin-numru ta'

registrazzoni GAB 915 u kif ukoll vettura tat-tip Morris Traveller bin-numru ta' registrazzjoni JAO 758.

Illi l-vettura tat-tip Morris Traveller hija vettura f'kundizzjoni tajba hafna u proprjament tinsab ghand ir-rikorrenti mhux biex jutilizzaha izda bhala parti minn kollezzjoni u ghaldaqstant izommha f'kundizzjoni tajba hafna.

Illi l-valur tal-vettura Morris Traveller jissupera ferm l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) stante li llum din hija *collector's item*.

Illi r-rikorrenti llum jinsab f'sitwazzjoni fejn minhabba l-mandat fuq citat huwa ma jistghax jaghmel uzu mill-mutur tal-marka Peugeot SV 125 bin-numru ta' registrazzjoni GAB 915 liema mutur huwa necessarju sabiex ikun jista' juzah bhala mezz ta' trasport.

Illi fil-fehma umli tar-rikorrenti b'referenza ghad-disposizzjonjiet tal-artikolu 836 (1) (c) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta s-sorte mitlub mis-socjeta' attrici huwa kawtelat bizzejjed bil-vettura Morris Traveller fuq indikata u li ghalhekk ma hux necessarju li dan il-mandat jibqa effettiv ukoll fuq il-mutur indikat, u dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li s-sorte huwa fl-ammont ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) u l-vettura tat-tip Morris Traveller ghandha valur li jissupera l-elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Ir-rikorrenti talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li l-mutur tal-marka Peugeot SV 125 bin-numru ta' registrazzjoni GAB 915 jigi lliberat mill-effetti tal-mandat fl-ismijiet fuq citati stante li l-vettura tat-tip Morris Traveller hija sufficjenti bhala garanzija ghall-ammont kkawtelat permezz tal-istess mandat fuq citat.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-digriet Taghha precedenti moghti fis-26 ta' Lulju 2006, kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2006 (fol 9 tal-atti).

Rat il-verbal in atti (a fol 2) minn fejn jidher li l-Avukat Dottor Ivan Sammut f'isem is-socjeta intimata ddikjara li "m'hemmx opposizzjoni".

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li l-mutur tal-marka "Peugeot SV 125" bin-numru ta' registrazzjoni GAB 915 jigi lliberat mill-effetti tal-mandat kawtelatorju ta' qbid numru 1215/06 u fl-ismijiet premessi in vista li l-vettura tat-tip Morris Traveller u hawn fuq premess, hi sufficjenti bhala garanzija ghall-ammont kawtelat permezz tal-istess mandat fuq citat.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------